MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 4/2004

**Aldo Micallef**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Marzu 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-appell

Nota ta' Aldo Micallef

*'Li biha jappella mid-decizjoni tad-Direttur komunikata lilu b' ittra datata 25 ta' Marzu 2003 fejn qallu li l-pensjoni tieghu kienet giet kalkolata b' rata li mhux daqs kemm mistennija.*

*Jitlob li d-Direttur jezibixxi prospett ta’ l ammonti ta’ kull sena li fuqhom inhadmet il-pensjoni.’*

Risposta tad-Direttur

*‘Id-Direttur qed jissottometti:*

*1. Prospett li juri d-dhul dikjarat mill-appellant u li ttiehed biex jigi stabbilit id-dhul pensjonabbli.*

*2. Prospett li juri kif giet komputata r-rata tal-pensjoni dovuta lill-appellant.’*

Nota responsiva ta’ l-appellant:

*‘Jiena ma naqbilx mar-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghal dawn ir-ragunijiet.*

*Ghas-sena 1996, l-appellant hallas bir-rata SF ta’ Lm800.30 li kienet dovuta fuq dhul li jissupera Lm5046; id-Direttur pero` kkunsidralu id-dhul attwali ta’ Lm3822.*

*Ghas-sena 1997, l-appellant hallas bir-rata SF dovuta fuq dhul li jissupera Lm5150, fil-fatt id-dhul kien ta’ Lm6208 izda d-direttur ikkunsidralu biss Lm5449.*

*Il-punt ta’ ligi jew principju ta’ mportanza li fuqu tressaq l-appell tieghi huma dawn:-*

*Applikazzjoni tajba ghal skeda Tlettax.’*

Nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-appellant:

*‘Jippremetti:*

*a) li kull ligi ghandha tinghata interpretazzjoni logika u ma jistax jitqies nuqqas dak li sar legalment qabel l-emenda li biddlet il-ligi.*

*b) li l-iSkeda 10 tistabilixxi r-rata dovuta ghal sena specifika tigi ffissata fuq id-dhul/qliegh tas-sena precedenti.*

*c) li l-Art. 10 (3) jistabilixxi dik ir-rata annwali pero` jaghti permess li l-ammont dovut jithallas kull erba' xhur izda minn imkien ma jirrizulta li rata tinbidel matul is-sena kalendarja.*

*d) li hu hallas ir-rata dovuta ghas-sena 1996 skond il-ligi u li almenu sal-11 ta' Settembru 1996 (dokument ta' l-istess Direttur) id-Direttur kien qed jaccetta il-korrettezza ta' dik ir-rata u qatt wara ma cahadha.*

*e) id-definizzjoni ta' persuna "self occupied" hija it-tali persuna tkun persuna "self employed" ukoll izda bi qliegh li jissupera Lm390 fis-sena.*

*g) illi d-dettalji moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma sibillini fis-sens li waqt li jghidu li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ried l-informazzjoni sottoscritta-naturalment dik li talab privatament id-Direttur. Id-dettalji juru biss l-ammont ta' qliegh fis-sena 1996 u mhux kif intestati fil-kolonna "income declared".*

*Jissottometti:*

*A) Li l-avviz ta' l-Abbozz, intiz biex jemenda l-Iskeda Tlettax gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 16292 datata 18 ta' Gunju, 1996; li l-Parlament dam xhur biex jikkunsidrah - x' aktarx sa Novembru, 1996 - u ghalhekk ir-rata mhallsa fil-fatt kienet dik dovuta u d-Direttur ma jistax jikkunsidra dhul li mhux marbut mar-rata dovuta, imhallsa u accettata.*

*B) L-Iskeda 13 (2) tghid li d-dhul pensjonabbli jigi kkalkolat fuq id-Dhul tas-sena li fuqu thallset il-kontribuzzjoni dovuta u jghid ukoll li meta persuna tkun hallset kontribuzzjoni fuq dhul nett li kien oghla minn dak li fil-fatt tkun irceviet, il-kalkolu jsir fuq I-aktar wiehed gholi.*

*C) Hu veru li l-emenda dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1996 pero` kull l-emenda saret ligi fl-ahhar tas-sena 1996. L-interpretazzjoni logika hi dik li l-kontribuzzjoni dovuta ghas-sena 1997 tkun biss fuq il-qliegh registrat mill-1 ta' Jannar 1996 u teskludi dhul iehor ta' dik l-istess sena. Ghalhekk dak li thallas legalment ghandu jigi onorat.*

*Dwar is-sena 1997.*

*Jippremetti:*

*Illi t-test Malti ta' Skeda 10 Parti II u III u ta' Skeda 13 (3) jghid l-oppost li, jghid it-test lngliz u allura jghodd it-test Malti.*

*Jissottometti:*

*Illi bla pregudizzju ghad-dritt legali moghti bit-test Malti, l-appellant hu dispost jaccetta il-kalkolu tad-Direttur ghas-sena 1997 ta' Lm5449 u dan biex ikun konsistenti fil-fehma li interpretazzjoni tal-ligi ghandha tkun logika u sfortunatament logiku hu t-test Ingliz.*

*Dan pero` jekk id-Direttur jew dan l-Arbitragg jaccetta wkoll il-logika dwar is-sena 1996.'*

Nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellant:

'• *Jaqbel ma dak li qed jghid l-appellant li r-rata dovuta ghal sena specifika tigi ffissata fuq id-dhul jew qliegh tas sena precedenti.*

• *L-Artikolu 10 (3) ma jghatix permess izda jezigi li l-hlas ta' kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi ghandu jsir kull erba' xhur tant hu hekk li l-Artikolu 116 (1) (a) u 116 (1) (b) jikkontempla piena ta' 10% jew 5% (skond il-kaz) ta' l-ammont totali dovut jekk il-hlas ma jsirx fi zmien preskritt mill-Artikolu 10 (3).*

• *Kuntrarju ghal dak li qed jikkontendi l-appellant ir-rata ma tistax tinbidel matul is-sena kalendarja minhabba l-fatt li r-rata dovuta ghal sena speciflka "tigi ffissata" u allura ma tistax ticcaqlaq fuq dhul iddikjarat u ghalhekk stat ta' fatt ghas-sena precedenti. L-unika possibilta li rata ticcaqlaq hi meta jirrizulta li dhul dikjarat ma jigix accettat min-naha tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u jsir ftehim reciproku bejn il-partijiet fejn jigi accettat dhul li jkun bejn dak iddikjarat mill-appellant u mitlub mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni.*

• *Skond l-informazzjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni d-dhul; dikjarat mill-appellant u mhux kontestat mill-istess Kummissarju ghas-sena 1996 kien ta' Lm3822 u li fuqu I-appellant kien dovut ihallas u fil-fatt hallas kontribuzzjoni tal-kategorija SC matul is-sena 1997.*

*Jirrizulta wkoll li:*

• *Dhul iddikjarat mill-appellant ghas-sena 1991 kien ta' Lm4865, kategorija ta' kontribuzzjoni dovuta fis-sena 1992 kienet SG kategorija mhallsa mill-appellant ghal dik is-sena = SF.*

• *Dhul iddikjarat mill-appellanti ghas-sena 1994 kien ta' Lm5306, katergorija ta' kontribuzzjoni dovuta fis-sena 1995 kienet SF kategorija mhallsa mill-appellant ghal dik is-sena = SE.*

• *Dhul iddikjarat mill-appellant ghas-sena 1997 kien ta' Lm6208, kategorija ta' kontribuzzjoni dovuta fis-sena 1998, kienet SF, kategorija mhallsa mill-appellant ghal dik is-sena = SE.*

*Kien ghalhekk li d-dhul li ttiehed ghas-snin 1991, 1994, 1997 kien Lm4721, Lm4929 u Lm5228 rispettivament, cifri li jirraprezentaw il-massimu skond il-'bands' tal-kategorija mhallsa.*

• *Ghalkemm l-emenda tat-Tlettax-il Skeda giet ippubblikata tard fis-sena 1996, din kellha effett retroattiv*

*ghall-1 ta' Jannar 1996 u ma kellha l-ebda effett fuq il-kategorija li kien dovut ihallas l-appellant matul dik is-sena peress li l-hlas kien diga` gie determinat fuq stat ta' fatt, jigifieri d-dhul li kien diga` dikjarat ghas-sena 1995.*

• *L-appellant hu mitlub jinnota li l-ghazla li kellha persuna 'self occupied' jew 'self employed' li thallas rata aktar gholja minn dik dovuta spiccat ghal kollox b' effett mill-4 ta' Jannar 1988 u dan skond l-Artikolu 10 (3) ta' l-Att tas-Sigurta` Socjali.'*

Il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet hija dwar l-ammont li d-Direttur kellu jiehu in konsiderazzjoni bhala dhul. Ghas-snin 1991, 1994 u 1997 l-appellant hallas rata ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali aktar baxxa minn dik li effettivament kellu jhallas. L-appellant isostni li d-Direttur kellu jiehu in konsiderazzjoni l-ammont li huwa attwalment kellu bhala dhul kif dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan minghajr ebda referenza ghar-rata ta' kontribuzzjonijiet effettivament imhallsa.

Id-Direttur mill-banda l-ohra isostni li una volta l-appellant hallas rata ta' kontribuzzjonijiet anqas minn dik dovuta, m' ghandux jiehu in konsiderazzjoni id-dhul attwalment dikjarat ghall-finijiet ta' taxxa fis-snin in kwistjoni, izda l-ammont ta' dhul kif abbinat mar-rata ta' kontribuzzjonijiet effettivament imhallsa fis-snin rilevanti.

Ghas-sena 1996 l-appellant iddikjara mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni li kellu dhul ta' Lm3822 dwar liema fis-sena 1997 hallas kontribuzzjoni tal-kategorija SC.

Fin-nota tieghu l-appellant jghid li lest jaccetta il-kalkolu tad-Direttur ghas-sena 1997 bhala Lm5449 bil-kondizzjoni li l-Arbitru "jaccetta ukoll il-logika dwar is-sena 1996". Din il-linja ta' argumentazzjoni ma tistax tigi kondiviza mill-Arbitru ghaliex hawn non si tratta ta' xi forma ta' trattativi izda interpretazzjoni oggettiva tal-ligi.

Artikolu 10 (3) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali jipprovdi illi:-

*'Ir-rati ta' kontribuzzjonijiet li jithallsu taht dan l-Att minn persuna li timpjega lilha nnifisha, jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha, ikunu dawk specifikati fit-Taqsima II u fit-Taqsima III rispettivament ta' l-Ghaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att ghall-erba' xhur li jaghlqu fl-ahhar jum ta' April, Awissu u Dicembru ta' kull sena hlief meta dak li jimpjega lilu nnifsu koncernat ikun, sat-3 ta' Jannar, 1988, ghazel li jhallas rata oghla ta' kontribuzzjoni minn dik li kienet tithallas minnu mod iehor kif imsemmi qabel; izda hekk illi dik l-ghazla ma ghandhiex, madankollu, ikollha aktar sehh mill-4 ta' Jannar, 1988.'*

L-Artikolu Tlettax II Skeda ta' l-Att para. 2 jipprovdi illi:-

*'(2) Fil-kaz ta' persuna li ghandha titqies bhala persuna li timpjega lilha nnifisha, il-medja fis-sena tad-dhul nett taghha li dwarha il-kontribuzzjoni dovuta tkun thallset matul l-ahhar ghaxar snin kalendarji, jew parti minnhom jekk hi ma kinetx timpjega lilha nnifisha ghaz-zmien kollu msemmi ta' ghaxar snin minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skond dan l-Att, kif ikun il-kaz, kif jista' jizdied biz-zidiet fil-paga applikabbli li jkunu mehtiega bil-ligi li jinghataw lil kulhadd sakemm kull zieda bhal dik tkun inqas miz-zieda netta li tinkiseb minn sena ghal sena bejn dhul nett u iehor dwar kull sena sussegwenti ta' kull wahda mill-ahhar ghaxar snin kalendarji msemmija jew parti minnhom li fihom kienet timpjega lilha nnifisha; b'mod illi, meta matul l-imsemmija l-ahhar ghaxar snin kalendarji tkun hallset kontribuzzjoni fuq dhul nett li kien oghla minn dak li fil-fatt tkun irceviet, id-dhul nett mehud sabiex jinhadem dan il-kalkolu dwar xi sena wahda kalendarja partikolari jkun l-iktar wiehed gholi minn dan id-dhul nett kollu.'*

Fil-kaz odjern il-problema qeghda mhux minhabba li giet imhallsa rata ta' kontribuzzjonijiet ghola minn dik effettivament dovuta izda li thallset rata anqas.

L-appellant ma ta ebda raguni valida ghaliex hallas rata anqas minn dik effettivament dovuta. Skond Artikolu 52 ta' l-Att biex persuna tikkwalifika ghall-pensjoni ta' l-irtir trid

tkun hallset “ir-rata proprja ta’ kontribuzzjonijiet taht dan l-Att f’ kull zmien wara l-21 ta’ Jannar 1979”.

Is-sistema tal-pensjoni taht l-iskema tas-sigurta’ socjali hija essenzjalment forma ta’ assikurazzjoni bil-premium jiehu l-forma ta’ kontribuzzjoni. Jekk persuna ma thallas l-ebda kontribuzzjoni ma tkun intitolata ghall-ebda pensjoni kontributorja. Jekk thallas kontribuzzjoni anqas minn dak li suppost thallas ma tistax tippretendi li tircevi pensjoni daqs li kieku hallset ir-rata dovuta. Kif jghid l-istess appellant fin-nota tieghu (pagna 2 para c) “dak li thallas legalment ghandu jigi onorat”. Ghalhekk ghas-snin 1991, 1994 u 1997 l-appell qed jigi michud.

Dwar is-sena 1996 jirrizulta li l-appellant hallas bir-rata SF li kienet dovuta fuq dhul li jissupera Lm5046 mentri d-Direttur ikkonsidra dhul attwali ta’ Lm3822.

Dwar din is-sena partikolari l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet “William Cassar Torregiani vs Direttur tas-Sigurta Socjali” moghtija fit-13 ta’ Jannar 2004 fejn il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat li f’ cirkostanzi simili ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mhux id-dhul attwalment ricevut izda dhul abbinat mar-rata ta’ kontribuzzjoni mhallsa. Dwar it-Tlettax-il Skeda ta’ l-Att para 2 il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat illi :-

‘… din l-ahhar kwalifika tidher li hija eccezzjoni ghall-kriterji generali dwar kif jigi meqjus id-dhul pensjonabbli, ghaliex taghti ‘l wiehed x’ jifhem li l-ammont tal-kontribuzzjoni mhallas isir kriterju rilevanti fih innifsu, jekk kemm-il darba d-dhul nett ta’ sena jew snin partikolari, matul l-ahhar ghaxar snin kien anqas mid-dhul korrispondenti mal-kontribuzzjonijiet imwettqa ghal tali snin, skond kif imfissra fl-Ghaxar Skeda ta’ l-Att.’

Ghalhekk fid-dawl ta’ din id-decizjoni l-Arbitru hu tal-fehma li ghas-sena 1996 l-appell ghandu jigi milqugh b’ dan li ghandu jigi meqjus ghal din is-sena ir-rata ta’ kontribuzzjoni mhallsa.”

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali appella minn din id-decizjoni u talab ir-revoka ta’ dik il-parti taghha fejn l-Arbitru ddecieda li ghas-sena 1996 ghandu jitqies bhala rata ta’ kalkolu ghal finijiet tal-pensjoni r-rata ta’ kontribuzzjoni mhallsa ghal dik is-sena. Jekk il-Qorti tinterpreta tajjeb il-hsieb ewlieni wara l-ilment tieghu, anke ghaliex dan mhux daqstant car, dan jikkonsisti fis-sottomissjoni illi l-Arbtiru zbalja meta bbaza r-ragonament u l-konkluzjoni tieghu fuq l-interpretazzjoni estratta mis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet “William Cassar Torreggiani -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali”;

Forsi ma jkunx ghal kollox barra minn loku illi ghall-ahjar esposizzjoni tal-materja in diskussjoni jigu elucidati dawn l-aspetti kif johorgu mill-inkartament tal-kaz:-

(1) L-appellat odjern deherlu li hu kien intitolat jippercepixxi pensjoni aktar gholja minn dik komputata mid-Direttur u ghalhekk, billi hassu hekk aggravat, intavola appell quddiem l-Arbitru;

(2) Irrizulta mill-provi dokumentali illi ghal certi snin l-appellat hallas rata ta’ kontribuzzjoni aktar baxxa minn dik li suppost kellu jhallas in korrispondenza ghad-dhul dikjarat tieghu. Ghalhekk ghal dawn is-snin – 1991, 1994 u 1997 – id-Direttur adotta ghal finijiet tal-komputazzjoni l-ammont ta’ dhul abbinat mar-rata ta’ kontribuzzjoni effettivament imhallsa f’ dawk is-snin. Ara grafika esebita indikanti r-rati ta’ kontribuzzjonijiet li kellhom jithallsu skond id-dhul dikjarat ghas-snin 1980 – 1998. Din id-decizjoni tad-Direttur riferibilment ghas-snin fuq indikati giet konfermata mill-Artbitru;

(3) Kwantu ghas-sena 1996 ghalkemm l-appellat iddikjara dhul attwali ta’ Lm3800 eppure hu hallas rata ta’ kontribuzzjoni li skond il-precitata grafika kienet tikkorrispondi ghal dhul li jissupera dhul ta’ Lm5046. F’ dan il-kaz id-Direttur deherlu li kellu jiehu in konsiderazzjoni d-dhul kif dikjarat mill-kontribwent u mhux dik is-somma relatata mar-rata ta’ kontribuzzjoni (SF)

effettivament imhallas. Ma’ dan r-ragjonament l-Arbitru ma qabelx u wara li ffoka l-attenzjoni tieghu fuq dak enuncjat fis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Jannar 2004 fil-kawza precizata fl-aggravju ghadda biex akkolja l-appell tal-kontribwent limitatament ghal dik is-sena partikulari. Huwa minn din id-decizjoni fuq dan il-punt li gie indirizzat appell lil din il-Qorti;

Dan premess, id-Direttur appellant jissottometti illi ghal kaz in ispecje kellu japplika d-dispost tal-paragragu 3 tat-Tlettax-il Skeda liema dispost ghalkemm ippubblikat tard fis-sena 1996, kellu effetti retroattiv ghall-1 ta’ Jannar 1996. Huwa ghalhekk jikkritika d-decizjoni ta’ l-Arbitru li ghall-kaz applika paragrafu 2 ta’ l-istess Skeda, kif ahjar interpretat mill-Qorti fis-sentenza gja accennata;

Irid jinghad in linea preliminari illi hi norma dottrinali u gurisprudenzjali, tista’ tghid klassika, illi fl-ezami ta’ kull process jokkorri li ssir (i) l-individwazzjoni ta’ dawk l-elementi guridikament rilevanti tal-fattispeci li jrid jigi aggudikat u (ii) l-applikazzjoni, kif ukoll allura l-interpretazzjoni, tan-norma ghal dawk il-fattispeci tal-kaz mistenni li wiehed jattribwixxi s-sens li jidher palesi mit-tifsira proprja tal-kliem skond ir-rabta ta’ bejniethom, u skond il-volonta` u l-intenzjoni tal-legislatur. S’ intendi hu dejjem ghaqli li wiehed izomm in mira illi l-interpretazzjoni tan-norma partikolari ghalkemm isservi ghal kaz singolu determinat, ghandha b’ danakollu tkun imfassla b’ mod li tkun ta’ gwida ghall-kazijiet kollha ta’ l-istess xorta. Dan evidentement bl-iskop li ma jigix vjolat il-principju li jimponi li kazijiet konsimili jigu trattati b’ mod ugwali u ma tigix uzurpata jew imfixkla c-certezza tad-dritt;

Precizata din il-preliminari, din il-Qorti tghaddi biex dwar l-aggravju interpost taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) L-appellat kien qed jigi akkreditat b’ kontribuzzjonijiet li thallsu u gew accettati u kellhom allura jitqiesu validi ghall-fini tal-komputazzjoni tal-pensjoni. Dan

in referenza, u b' mod partikulari, ghas-sena 1996 in diskussjoni;

(2) Huwa pacifiku illi skond l-Iskeda 10 r-rata ta' kontribuzzjoni dovuta ghas-sena specifika tigi stabbilita fuq id-dhul tas-sena precedenti. Huwa pacifiku wkoll illi fis-sena 1996 giet introdotta aggunta ghall-Iskeda Tlettax bl-introduzzjoni tas-subinciz (3). Aggunta legislattiva din li ghalkemm saret operattiva b' effett mill-1 ta' Jannar 1996 wiehed ghandu ghax logikament itendi illi, una volta saret ligi fl-ahhar ta' dik is-sena, dik kellha sservi bi gwida ghall-kontribuzzjonijiet li kien ikollhom jithallsu ghas-sena 1997 fuq il-bazi tad-dhul tas-sena antecedenti ossija tas-sena 1996;

(3) Huwa accettat illi meta interpretu jigi biex japplika l-ligi ghal kaz partikulari hu ghandu jara liema ligi ghandha tkun applikata. Htiega bhal din tinhass aktar meta, bhal f' dan il-kaz, emenda jew zieda legislattiva tigi attivata u maghmula effikaci dwar materja li qabel kienet regolata minn disposizzjoni ohra. Dan, *multo magis,* imbaghad meta l-vertenza tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti jew konnessi mal-ligi kif kienet u li kienet tirregolaha, jew li kellha l-bidu taghha proprju taht dik il-ligi;

(4) Kien ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ghal kollox korrett l-Arbitru illi jadotta u japplika ghal kaz id-dispost tas-subinciz (2) tat-Tlettax-il Skeda [jigifieri dik kontemplanti l-possibilita` li jigu kalkolati kontribuzzjonijiet li jitqiesu li thallsu skond l-Att (Kapitolu 318)] u mhux ukoll dak tas-subinciz (3) introdott fl-1996. Fir-rigward lanqas ma huwa l-kaz li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mill-interpretazzjoni akkordata minn din il-Qorti diversament presjeduta lill-precitat subinciz (2) fid-decizjoni ampjament riferita tat-13 ta' Jannar 2004. Interpretazzjoni li kienet tibbenefika lill-kontribwent milli ma jigix imcahhad minn dik il-pensjoni kontributorja ghola minn dik effettivament likwidata lilu mid-Direttur appellant;

Fic-cirkostanzi l-Qorti ssib li l-appell hu nsostenibbli u li l-interpretazzjoni moghtija mill-Arbitru favur l-appellat fit-termini tas-subinciz (2) tat-Tlettax-il Skeda dwar kif kellu jinhadem id-dhul pensjonabbli ghas-sena 1996 hi dik korretta.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------